KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 9 tas-Sitt (06) Kunsill Lokali tal-Mosta li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 5 ta' Lulju 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija .

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia (Sindku) | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Is-Sur Joseph De Martino (Vici-Sindku) | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier Alexander Muscat | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier Abraham Bezzina | 8.08p.m. | 8.35p.m. |
| Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua | 7.30p.m. | 9.05p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Sammut | 8.18p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier Kirby Fenech | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier James Cassar | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier Keith Cassar | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier David Meilak | 7.30p.m. | 9.30p.m. |
| Il-Kunsillier Marthese Mifsud | 7.45p.m. | 9.30p.m. |

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia mexxiet il-laqgħa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.30p.m.

**1.00 Approvazjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru.8 li saret il-Ħamis, 21 ta' Ġunju, 2012.**

Il-minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:

1.01 Il-ħin tal-ħruġ tal-Kunsillier Marthese Mifsud kien **"10.10p.m."**

1.02 Żdieded sentenza fl-aħħar tal-paragrafu f'item 6.01: **"Is-Sur Joe Demartino qal li rċieva messaġġ dwar il-permessi li dak inhar stess kienu nħarġu mill-MEPA għal-Wied il-Għasel u staqsa x'jista jsir dwar dan".**

1.03 Item "**10.00 Għeluq tal-Laqgħa.**" Issa ġie jaqra "**7.00 Għeluq tal-Laqgħa**".

**2.00 Punti Mqajjma mill-Minuti**



Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

**2.01** Dwar *item* 6.01 – Il-Viċi Sindku s-Sur Joe Demartino staqsa dwar il-permessi għal-bini f'Wied il-Għasel. Huwa qal li meta Malta ġġib fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jiġu salvagwardjati l-widien issa l-MEPA minkejja petizjoni ta' 24.000 firma, qed toħroġ permessi fil-widien.

Is-Sindku staqsiet x'kien qed jiġi propost li jsir f'dan l-istadju meta il-permess fuq dan l-iżvilupp kien diġa ingħata mill-MEPA.

Saret sospensjoni tal-Laqgħa sabiex ikun jista jitkellem is-Sur Joe Fenech li kien preżenti għall-Laqgħa.

Is-Sur Fenech qal li Wied il-Għasel huwa patrimonju u ma jaċċettax li l-Kunsill jieqaf jiġġieled kontra dan l-iżvilupp fil-Wied. Huwa qal li dan ma għandux jiġi tollerat għaliex kien qed isir sfreġju kbir lill-Mosta.

Meta kompliet il-Laqgħa, saret diskussjoni dwar x'għandu jagħmel il-Kunsill. Sar suġġeriment li tinħareġ stqarrija li fiha l-Kunsill jgħid li ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-MEPA u li dejjem kien kontra dan l-iżvilupp.

Il-Kunsillier Alexander Muscat issuġġerixxa li ssir konferenza stampa fuq is-sit u tintbagħat stqarrija lill-media kollha.

Is-Sur Demartino qal li waqt il-konferenza stampa għandha tissemma wkoll il-petizzjoni tar-residenti.

Is-Sindku qalet li taqbel li ssir konfereneza stampa dejjem wara li jinġabar l-informazzjoni kollha fuq il-każ.

**2.02** Dwar *item* 2.02 – L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li l-ħsara fit-taraġ tad-dħul fil-Każin tal-Banda Nicolo Isouard kien wieħed minimu u sar qbil li għandha tinġab stima sabiex tissewwa din il-ħsara.

**2.03** Dwar *item* 2.03 - Ġie innutat li dwar is-servizz ta' l-Arriva fiż-żona ta' Santa Margerita kien għadu a sar xejn u ġie deċiż li terġa tinkiteb ittra lill-TM dwar dan.

**2.04** Dwar *item* 2.01 – Is-Sur Alexander Muscat qal li fi Triq id-Dawr kien hemm parti bejn Plot 28 u Plot 38 li kienet għadha miftuħa u li fiha ma sarx *patching* barra li kien għad hemm ħafna trab. Ġie ssuġġerit li l-*Cleansing Department* jintalab jnaddaf dan it-trab bla ħlas.
Is-Sur Muscat qal ukoll li residenti ta' Triq L-Istrinġell kienu qed jitolbu li din it-triq issir *one-way*.

Is-Sindku qalet li meta jkunu lest ix-xogħolijiet, issir talba lil-TM sabiex isir studju b'mod ħollistiku taż-żona kollha min Triq Independence Avenue sa Triq Durumblat u min Triq Waqqafa sa Triq Mitħna. Dan l-istudju għandu jinkludi wkoll Triq l-Antinni, Triq il-Waqqafa, Triq it-Trinċetta, etċ.

**2.05** Dwar *item* 4.02 – *Car Free Day* – Il-Kunsillier Alex Muscat informa li huwa kien bagħat il-proposti tiegħu u li l-Kunsillier Kirby Fenech kienet lesta li tgħin. Huwa qal li għandha ssir laqgħa sabiex tiġi iffinalizzata l-proposta.

**2.06** Dwar *item* 5.00 – *Traffic Management* – Is-Sindku nfurmat li s-Sur Borg Caruana kien qed jissuġġerixxi li iż-żona ta' no parking *(double yellow lines)* quddiem il-knisja fi Pjazza Rotunda, għandha tiġi nforzata l-liġi bl-użu tal-*wardens* regolari jew jintalab servizz ta' *warden* ieħor *extra* bi ħlas għal-gimgħa sħiħa biex ma jħallix *Coaches* ipparkjaw hemm u jinfurmahom fejn dawn jistgħu jipparkjaw. [Is-Sur Demartino qal.] Dan ma għandux japplika f'okkazzjoniet ta' funerali u tiġijiet.

Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua ssuġġeriet li ssir *Bye-Law* biex tal-funerali u tiġijiet jingħataw permess bi-ħlas sabiex jkunu jistgħu jipparkjaw hemm. Il-Kunsillier James Cassar ma qabilx ma dan u l-Viċi Sindku Demartino qal li kien hemm il-*parking area* ta' ħdejn il knisja fejn vetturi jistgħu jipparkjaw waqt attivitajiet reliġjużi.

Ġie deċiż unanimament li ssir ġimgħa ta' edukazjoni bil-*wardens.*

***2.07*** Dwar item 6.01(a) – *Boundary wall* perikoluż fi Triq il-Fortizza.- Il-Kunsillier Rachel Tua qalet li hija kienet ser tirrapporta b'dan lill-Pulizija.

**2.08** Dwar item 6.02 – Infurzar tal-liġi.- Il-Kunsillier Alexander Muscat qal li kien hemm bżonn ta' *road-humps* fi Triq il-Merill.

**3.00 Materji Finanzjarji**

**3.01** Is-Sindku, Dott. Shirley Farrugia, infurmat li is-Sur Michael Debono, l-*accountant* tal-Kunsill, kien ġie mitlub jippreżenta dokumenti u kontijiet tal-pożizjoni finanzjarja tal-Kunsill kif kienet fil-31ta' Marzu 2012 u 30 ta' Mejju, 2012 flimkien ma *draft* ta' risposta għal Management Letter fi żmien ġimgħa jew jiġi terminat il-kuntratt tiegħu. Il-Kunsill qabel unanimament li dan iż-żmien jittawwal b'ġimgħa oħra (ħmistax il-ġurnata b'kollox).

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista ta' 7 *items* ta' korrispondenza għal-konsiderazzjoni tal-Kunsill kif jidher fil-lista annessa. Id-deċiżjonijiet ukoll jinstabu fil-lista.

**4.01** Dwar Ittra Nru 2 – Proposta tas-Sur Martin Chetcuti (Chairperson tal- KZM) dwar kooperazjoni bejn il-KZM u l-Kunsill fuq applikazjoni "Premju tal-President għall-Kreattivita'" – Is-Sindku spjegat dwar din l-applikazjoni li kien qed jiġi propost li l-Kunsill jiġi nkuż bħala *partner* f'din l-applikazjoni.
Il-Kunsilliera Dott. Rachel Tua talbet li persuni b'diżabilita' jipparteċipaw ukoll fl-attivitajiet proposti.

Saret sospensjoni tal-Laqgħa sabies is-Sinjuri Martin Chetcuti u l-*youth-worker* Stephanie, Camilleri u jispjegaw l-proposta fid-dettall. Huma qalu li l-idea wara din l-applikazjoni kienet li ż-żagħżagħ ikunu aktar okkupati f'attivitajiet utli u anke edukattivi u b'hekk jinżammu bogħod mill-ħażen u fl-istess ħin joħorġu aktar il-potenzjal artistiku tagħhom. Kien għalhekk li huma ħarġu bl-idea ta' graffiti f'żoni li għad irid jiġu identifikati. Din l-attivita ssir bil-għajnuna tal-artist James Micallef Grimaud.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta u ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Uffiċju tal-President sabiex il-Kunsill jidħol parteċipi f'dan il-proġett.

**4.02** Dwar Ittra Nru 5 EGOV4U – Is-Sindku nfurmat li wara li ġiet estiża d-data tal-għeluq tal-applikazjonijiet għal-din l-iskema, hija kienet ser tissottometti l-applikazzjoni.

**4.03** Dwar Ittra Nru 6 – Sitwazjoni assurda fi Triq ta' Mellu – Sar qbil li Ventur Motors jiġi obligat josserva l-provedimenti tal-liġi dwar ipparkjar illegali ta' vetturi bla numru tar-reġistrazzjoni u ostakolazjoni ta' bankini.

**5.00** ***Multi-Purpose Pitch*– Bżonnijiet**

**5.01** Is-Sindku spjegat li wara li hija kienet irċeviet ittra mingħand is-Sinjura Anna Grech, hija kienet żaret il *multi-purpose pitch* ta' ħdejn l-iskola *Lilly of the Valley.* Kien jirriżulta li kien hemm

diversi bzonnijiet u għalhekk kienet qed tipproponi li jinħatar Kumitat sabiex jara x'jista jsir dwar :

- Tindif tal-pitch
- Ħinijiet tal-Ftuħ għall-pubbliku
- Maniġġjar tal-Pitch

Sar qbil unanimu li jitwaqqaf dan il-Kumitat b'dawn il-membri: Il-Kunsilliera David Meilaq, Joseph De Martino, Alexander Musat, Rachel Tua, u s-Sinjura Anna Grech. Il-Kunsillier Meilaq inħatar Chairperson ta' dan il-Kumitat.

Il-Kumitat għandu jiddeċiedi u jressaq il-proposti tiegħu dwar il-bżonnijiet tal-*pitch* fi-żmien qasir.

**6.00 Skema dwar Proġett ta' Enerġija Alternattiva**

L-Agent Segretarju Eżekuttiv qal li wara li kien sab li ma kien sar xejn dwar l-iskema dwar Proġett ta' Enerġija Alternattiva li għaliha l-Kunsill kien ingħata s-somma ta' €5,000.--, huwa kien talab lid-DLG jekk jistax jerġa jattiva dan il-proġett sabiex ma jintilfux dawn il-fondi. Id-DLG kien aċċetta li dan il-proġett jiġi riattivat bill-kundizjoni li jitlesta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2012.

6.01 Is-Sindku ipproponiet li minflok il-pannelli jitwaħħlu fil-grawnd tal-Grawnd tal-Għajba kif kien propost originarjament, dawn jiġu nstallati wkoll fuq il-bejt tal-Kunsill.

Sar qbil unanimu dwar dan u li l-kuntratturi Galea Curmi jintalbu l-pariri tagħhom għat-twettiq ta' dan il-proġett.

**7.00 Korsijiet Lifelong Learning**

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill japplika ghall-korsijiet tal-Malti, Ingliż, Spanjol u Taljan. Dan minbarra dawk il-korsijiet b'xejn.

**8.00 Ingaġġ ta Skrivan/a mall-Kunsill**

8.01 Il-kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghażla għall-ingaġġ tas-Sinjorina Candice Zarb bħala skrivana mall-Kunsill b'effett mill 1 ta' Awwissu, 2012 u tkompli bl-istess kundizzjonijiet ta' mpjieg li kellha mall-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar fejn hi preżentament impjegata.

**9.00 Affarijiet Oħra**

9.01 Is-Sindku, Dott. Shirley Farrugia, infurmat lill-Kunsill li Tender Nr. 04/*2011 Embelishment tal-Playing Field u Gnien Reggie Cilia* ġie ikkonċellat wara li nstab li kien hemm nuqqasijiet amministrattivi fiż-żmien li kien ġie iċċekjat taħt il-Ħames Kunsill fis-sena 2011. Instab li l-Bid-Bond tal-Kuntrattur li tefa' l-orħos offerta ma' kienitx valida. Barra min dan il-Bid-Bonds oriġinali kien ilhom li għalqu u dan seta jagħti lok għal aktar kontestazzjonijiet.

Is-Sindku qalet li kien hemm il-ħsieb li ż-żona kollha ta' dan il-ġnien tiġi studjata u jsir pjan ħollistiku ġdid.

**9.02** Ġew approvati l-emendi li pproponiet TM dwar *traffic management* fi Triq Isouard ma' Triq l-Isperanza.

**10.00 Aġġornamenti**

**10.01** Il-Viċi Sindku, Joseph De Martino, talab u ġiet approvata unanimament l'attivita' "Lejla Agrarja – Bidnija 2012" fuq l-istess linji li kienet issir fil-passat. Ġie approvat ukoll li l-kommunita reliġjuża tal-Bidnija tingħata l-ħlas ta' €200.—bħala ħlas ta' konsum tad-eletriku, u użu ta' armar u garaxx għal-din l-okkazjoni.

**10.02** Is-Sur Demartino qal li ma kienx sew li *truck* tal-ġbir ta' l-iskart kien qed ikun ipparkjat quddiem il-Knisja. ~~Barra min dan~~ Huwa qal ukoll li boroż griżi ta' skart riċeklabli ~~kienu qed~~ jinġabru ~~u jitħaltu ma' boroż suwed ta' skart domestiku.~~ Dan ma kienx aċċettabli bħal ma ma kienx aċċettabli li trakkijiet li jiġbru skart jgħaddu min ċertu toroq *wrong-way.* Huwa semma wkoll każi ta' ipparkjar ta' l-istess vetturi fuq il-bankini f'Independence Avenue.

**10.03** Il-Kunsill ġie infurmat bill-mewt tas-Sur J.J. Camilleri li kien membru ta' Ġieħ il-Mosta. L-Agent Segretarju Eżekuttiv intalab jibgħat fjuri u kondoljanzi.

**10.04** Il-Kunsillier Marthese Mifsud talbet u ġie approvat li torganizza ħarġa għar-Redentur ta' L'Isla. Il-Kunsill qabel li jipprovdi transport għal din l-attivita.

**10.05** Il-Kunsillier Alexander Muscat talab li titranġa bankina fi Triq il-Fuħħar quddien numru 221, u li terġa ssir U-bend fuq il-bankina faċċata ta' Riolo Garage (quddiem ir-residenza ta' Frans Bugeja) li dan l-aħħar kienet tneħħiet min xi entita tas-servizzi.

**11.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fid- 9.30 ta' filgħaxija u aġġornat għal-Ħamis, 2 ta' Awissu, 2012.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Agent Segretatju Eżekuttiv.